VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 120 tal-2012

ATT DWAR L-UNJONI EWROPEA
(CAP. 460)

Ordni tal-2012 taħt l-Att dwar l-Unjoni Ewropea li jemenda l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu, bidu fis-seħħ u għan.

1. (1) It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2012 taħt l-Att dwar l-Unjoni Ewropea li jemenda l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, u dan l-Ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Pensjonijiet li jinsabu fl-Iskeda mal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, hawn iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-Regolamenti dwar il-Pensjonijiet".

Kap. 93.

(2) Dan l-Ordni għandu jitqies li ġie fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2012.

(3) L-għan ta' dan l-Ordni hu li jiġu trasposti, fl-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KEE Euratom, KEFA) Nru. 259/68 li jistabbilixxi r-regolamenti tal-persunal għal uffiċjali u l-kondizzjonijiet tal-impjieg u servizzi oħra mal-Unjoni Ewropea.

Iżid regolament ġdid mar-Regolamenti dwar il-Pensjonijiet.

2. Minnufih wara r-regolament 22 tar-Regolamenti dwar il-Pensjonijiet, għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Trasferiment ta' pensjonijiet, gratifikazzjonijiet u *allowances*.

22A. (1) Pensjonijiet, gratifikazzjonijiet u *allowances* li jitħallsu taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet jistgħu jiġu trasferiti għall-Iskema UE minn uffiċjal li jħalli s-servizz f'Malta u jibda servizz ma' Istituzzjoni tal-UE. Talba għal dan il-għan għandha ssir mill-uffiċjal interessat u indirizzata lill-Ministru tal-Finanzi.

(2) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, Skema tal-UE tfisser l-iskema tal-pensjoni li tingħata lil uffiċjali ta' Istituzzjonijiet tal-UE skont l-Artikoli 77 sa 84, u l-Anness VII, tar-Regolament tal-Kunsill (KEE Euratom, KEFA) Nru. 259/68 li jistabbilixxi r-regolamenti tal-persunal għal uffiċjali u l-kondizzjonijiet tal-impjieg u servizzi oħra mal-Unjoni Ewropea:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iżda l-uffiċjal għandu jissodisfa l-kriterji elenkati taħt l-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tal-imsemmi Regolament tal-Kunsill:

Iżda wkoll trasferiment bħal dak ma jistax jiġi eżerċitat aktar minn darba waħda.".